7 ta' Mejju 2019
62/2019

# L-ARĊISQOF JORDNA ĦAMES DJAKNI ĠODDA

Ħames seminaristi ser jiġu ordnati djakni mill-Arċisqof Charles J. Scicluna nhar il-Ħadd, 12 ta' Mejju 2019. Il-Quddiesa ser issir fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fid-9:00 a.m. Il-ħames seminaristi li ser jiġu ordnati djakni huma:

- Osmar Baldacchino mill-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi
- David Borg mill-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar
- Christopher Bugeja mill-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat
- Jonathan Debattista mill-Parroċċa ta' Marija Annunzjata, Ħal Tarxien
- Tony Pace mill-Parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, Ħal Safi

Permezz tal-ordinazzjoni, id-djakni l-ġodda jsiru xebh ma' Ġesù Kristu li ried ikun 'djaknu', jiġifieri qaddej ta' kulħadd. Id-dmirijiet tad-djaknu huma li l-ewwel u qabel kollox jiddedika ħajtu għal qadi bl-imħabba (djakonija) fis-servizz tiegħu lejn il-poplu, jassisti lill-isqof u lis-saċerdoti fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, l-aktar tal-Ewkaristija, jamministra s-Sagrament tal-Magħmudija, jassisti għaż-żwieġ u jbierku, ixandar l-Evanġelju u jippriedkah, u jmexxi funerali.

Kulħadd huwa mistieden biex jattendi għaċ-ċelebrazzjoni tal-ordinazzjoni u biex jitlob għal aktar vokazzjonijiet u għall-qdusija tal-kleru, speċjalment għal dawk li ser jiġu ordnati djakni nhar il-Ħadd.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**